MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIZZI ANTONIO LL.D.**

Seduta ta' 14 ta' Ottubru, 2002

Numru. 313/2002

Il-Pulizija
(Sp Mario Bonello)
vs
Jeremy James Farrugia, iben
Emanuel, imwieled Pieta' fil-11
ta' novembru, 1984

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli matul il-lejl ta' bejn l-20 u il-21 ta' frar, 2002 ġewwa Birkirkara attakka u għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-liġi minn awtorita' kompetenti;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi għamel ġrieħi ta' natura ħafifa fuq
il-persuna ta' PC687 Brian Wood, persuna nkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku fil-waqt li kien qed

jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-liġi, skond kif iċċertifika Dr. Andrew Cassar M.D. ta'
l-isptar San Luqa;
3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat jew b'mod ieħor;
4. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi qal kliem oxxen u dagħa fil-pubbliku.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tas-17 ta' mejju, 2002 fejn tal-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' ottubru, 2002 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat
l-artikoli 95(1), 96 u 338(m)(bb) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' mitejn liri maltin (Lm200).